Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 685/2010

**Intercomp Marketing Limited (C20612)**
**Vs**
**Maria Dolores Vidolich (ID270065M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn, erbgha mija sitta u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,426.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma *computer hardware* mixtri mis-socjeta' attrici skont kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok A, B u C.

Il-konvenuta interpellata diversi drabi sabiex thallas baqghet inadempjenti w ghalhekk kelha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-datat tal-konsenja u cioe' mil-24 ta' Dicembru, 2008 kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata w lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici ippruvat it-talba taghha.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------